*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,533, 18 ta' Diċembru, 2020*
*Taqsima B*

**A.L. 467 tal-2020**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni tal-2020 dwar *Standard* Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 dwar *Standard* Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

L-inqas paga nazzjonali.

**2.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

(a) Ta' età 18-il sena u fuqhom ………………€ 181.08

(b) Ta' età 17-il sena …………………………€ 174.30

(ċ) Taħt is-17-il sena …………………………€ 171.46

Impjegati *part-time.*

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx applikabbli, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun applikabbli, kif stabbilita skont l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin (40).

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat fir-rigward tas-sena 2021 ma għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabbli għas-sena2020, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi Ordni ta' *Standard* Nazzjonali applikabbli fir-rigward tas-sena 2021.

Kap. 452.